Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 35 – It-Tnejn, 29 ta' Diċembru, 2014**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fil-5:30 pm.

| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
|---|---|---|
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**1.0 Introduzzjoni mis-Sindku**

1.1 Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa permezz ta' talba.

**2.0 Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1 Inqraw il-minuti u ġew ikkonfermati.

**3.0 Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Is-Sindku rrefera għaż-żjara li l-Ministru għal Għawdex għamel nhar it-30 ta' Novembru 2014 f'Bethlehem f'Għajnsielem u Chambay.

3.2 Is-Sindku rrefera wkoll għal kuntratt tal-Vodafone u li s'issa għadna ma rċevejnix kopja tiegħu. Huwa rrefera għal fatt li Amanda bagħtet ir-request bil-miktub u bgħatulha wieħed antik tat-2007. Hija kitbitilhom lura li tixtieq l-aktar wieħed riċenti u s'issa għadha ma rċeviet xejn. Il-ħaġa li qed tinkwieta lil Kunsill hija d-dewmien sabiex jiġi provdut dan il-kuntratt u l-fatt li sar kuntratt f'Ottubru 2012 li suppost li jiskadi f'Ottubru 2014 u l-Vodafone qed jesiġu li l-kuntratt jiskadi f'Jannar 2015. B'hekk il-Kunsill qed jaħseb li setgħa sar xi kuntratt li ma jafx bih. Il-Kunsill qabel li għandu jkompli jisħaq li jingħata kopja tal-kuntratt u jekk ma jiġix provdut ma jkollux triq oħra għajr li jieħu passi legali. Il-Kunsill qabel li

f'dan ir-rigward għandu jistħarreġ sabiex jagħmel kuntratt mal-kumpanija Go u mmorru għal-kuntratt orħos.

3.3 Is-Sindku rrefera għall-attivitajiet tal-Milied, Ġimgħa t'Għajnsielem u Ġieħ Għajnselmiż. Huwa semma' kif l-attivitajiet kollha ntlaqgħu tajjeb ħafna, b'konkorrenza massima u akkumpanjati b'ħafna kliem ta' tifħir mingħand ir-residenti.

## 4.0 Betlehem f'Għajnsielem

4.1 Is-Sindku rrefera għas-safra lejn Cologne biex minnha ssir il-miġja tas-Slaten Maġi u għad-deċiżjoni tal-aħħar laqgħa. Huwa semma li minn dakinhar l'hawn l-Airmalta offriet li s-safra ssir via Brussels u mbagħad jaqbdu train lejn Cologne u Adenau fejn ser ikunu alloġjati b'arranġament mal-Kunsill Lokali Mellieħa. Il-prezz offru mill-Airmalta bejn l-1 u t-3 ta' Jannar minn Malta-Brussels-Malta huwa ta' €302.47 kull persuna nkluz it-taxxi kollha. Il-Kunsill qabel li dawn il-prezzijiet huma ferm differenti minn dawk miġbura inizjalment u għalhekk huwa worthed li din l-attivita' ssir għax hija ta' promozzjoni kbira għal-proġett. Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li ser issir tal-Kumitat Bethlehem f'Ghajnsielem biex jiġi determinat minn ser imur Cologne. Il-Kunsill qabel li bħala Kunsill għandu jmur il-Viċi Sindku Franco Ciangura peress li huma l-project manager tal-proġett. Sar qbil li l-Kunsill għandu jħallaslu l-vjaġġ tal-ajru u t-trasport involut.

## 5.0 Approvazzjoni ta' fondi tal-EU għall-proġett tal-Pjazza tad-Dehra

5.1 Is-Sindku bi pjaċir ħabbar li l-applikazzjoni tal-Kunsill taħt il-proġett Leader ġie kwalifikat fit-tieni post u għalhekk il-Kunsill ser jakkwista madwar €85,000 biex dan il-proġett ikun jista jitwettaq sal-aħħar ta' Mejju 2015. Il-Kunsill qabel li għalhekk għandu b'effett immedjat jippublika l-offerti meħtieġa biex ikun jista jinbeda x-xogħol.

## 6.0 Hatra ta' Perit għall-proġett Green Infranet

6.1 Il-Kunsill qabel li wara li l-laqgħa pubblika ntlaqgħet tajjeb ħafna u peress li l-proġett jidher wieħed tajjeb ħafna, jkun utli li jibdew isiru l-preparamenti meħtieġa f'dak li jirrigwardja permessi tal-MEPA eċċ sabiex jekk niltaqgħu ma' opportunita' li napplikaw bih taħt xi fondi tal-Ewropa, nkunu nistgħu nissottomettu l-applikazzjoni tagħna mmedjatament. Il-Kunsill qabel li għandu

jinkariga lil Perit Edward Scerri biex jibda jaħdem fuq il-pjanti u permessi meħtieġa.

**7.0 Approvazzjoni tal-pagamenti**

7.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni u ġew approvati.

**8.0 Materji Oħra**

8.1 Sar qbil li għandna nibdew il-proċess biex nagħtu l-onorefficenza ta' Ċittadin Onorarju lill-Alessandro Battilocchio fl-ewwel okkażżjoni ta' miġja fostna bħala ġemelaġġ.

**Tmiem il-laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Hamis, 22 ta' Jannar, 2015, fit-3.00pm, is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fis-6.30pm

**Francis Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**